**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 942/2018 AF**

**Johan Xuereb**

**Matthew Chetcuti**

**Pio Chetcuti**

**Antoinette Chetcuti**

**Joseph Chetcuti**

**Jacqueline Chetcuti**

**vs**

**Norbert Noel Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Johan Xuereb, Matthew Chetcuti, Pio Chetcuti, Antoinette Chetcuti, Joseph Chetcuti u Jacqueline Chetcuti li permezz tieghu din il-Qorti ntalbet biex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-intimat sabiex ihallas lura lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija tmienja u erbghin elf sitt mija u sittax-il Ewro (€348,616), rapprezentati rimbors lura tal-flejjes kollha mhallsa minnhom lill-intimat.

Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, inkluz tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 342/2018/1, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' Eric Attard bhala mandatarju specjali ta' Norbert Noel Camilleri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 fejn dehret Dr. Maxilene Ellul ghall-intimat u fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-*locus standi* ta' mandatarju fi proceduri ta' din ix-xorta.

Rat ir-rikors ta' Eric Attard dejjem bhala mandatarju specjali ta' Norbert Noel Camilleri li permezz tieghu huwa talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li n-notifika tar-rikors mahluf permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni hija irregolari u dana stante:

i. Li saret f'indirizz li ma huwiex proprjetà tal-esponenti.
ii. Saret kontra persuna li ma huwiex residenti f'Malta.

U ghalhekk hija irregolari mhux skond il-ligi u n-notifika hija nulla.

2. Tordna li n-notifika tal-atti ssir b'mod regolari skond il-ligi tenut kont li l-esponenti jghix gewwa l-Bulgarija u ma huwiex residenti Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta tal-atturi.

Rat in-noti tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi l-Qorti qeghda tigi mitluba tiddeciedi zewg kwistjonijiet preliminari f'din il-vertenza u cioè l-validità tan-notifika tal-intimat bl-atti tal-kawza kif ukoll il-posizzjoni ta' mandatarju specjali biex jidher ghall-intimat f'dawn il-proceduri.

L-Art. 187(3) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf*

*bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil."*

Huwa mghallem:

*"Illi dak kollu suespost huwa wkoll sopporat mill-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fejn dawn bosta drabi enfasizzaw illi l-pubblikazzjoni permezz ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni ma ghandhiex tittiehed b'leggerezza u ghalhekk ghandu jkun hemm skrutinju shih li l-procedura saret kif suppost u meta kien hemm bzonn."* – Valley Properties Ltd vs Chianti Storm Limited (28 ta' Lulju 2011).

Huwa ritenut illi:

*"Kif gie ritenut minn din il-Qorti f'decizjoni recensjuri, La Rosa (Marbles) Ltd. Vs Marvin Vella fit-23 ta' April 1999, il-procedura specjali sommarja addottata mill-attur timponi fuq il-Qorti illi fil-kondotta tal-kawza tosserva certa kawtela biex ma tippregudikax bla bzonn id-drittijiet ta' difiza tal-konvenut u tintilef opportunità shiha biex dan jiddefendi ruhu. Il-ligi tal-procedura digà hawn qeghda tpoggi l-konvenut f'posizzjoni ta' zvantagg billi fl-ewwel lok tesigi l-presenza fizika tieghu fil-jum tas-smiegh u mbaghad li hu jkun pront mid-difiza tieghu biex jikkonvinci lill-Qorti li kellu eccezzjonijiet validi x'jaghti fuq bazi prima facie. F'tali cirkostanzi, l-Qorti trid toqghod attenta li ma tmurx oltre u taggrava allura bla bzonn u ulterjorment lill-konvenut."* – Valletta Aluminium and Wrought Iron Works Ltd vs Carmen Grech (8 ta' Mejju 2001).

Madanakollu, huwa ritenut ukoll illi:

> *"n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti citata tkun konsapevoli tal-proceduri kontra taghha u titqieghed f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti."* - Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet (13 ta' Lulju 2001).

Fil-kaz in ezami il-Qorti hija konvinta li l-intimat kien konsapevoli tal-proceduri. Huwa infatti inkariga mandatarju specjali fil-21 ta' Dicembru 2018, u cioè wara li effettivament saret l-affissjoni mal-bieb tar-residenza minnu dikjarata bhala tieghu precedentement. Jirrizulta illi l-mandatarju wiegeb ghall-kawza regolarment permezz ta' nota in atti. Gie inkarigat ukoll avukat li deher fl-udjenza. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-iskop ahhari tal-ligi intlahaq sodisfacentement u l-intimat kien gie mgharraf sew bil-proceduri.

Ir-rikorrenti fil-kawza mbaghad jopponi ghall-presenza ta' mandatarju fi proceduri sommarji. Huwa jsostni fuq il-presenza fizika tal-istess intimat u mhux tramite mandatarju. Issa kif irriteniet il-Qorti tal-Appell:

> *"Wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li l-procedura in kwistjoni hija wahda eccezzjonali u li hija l-uniku kaz fejn il-Qorti tiddispensa mis-smigh tal-kawza u allura hija eccezzjoni ghall-massima daqstant importanti ta' audi alteram partem."* – Billboard Advertising Limited (C27899) vs Stefan Vassallo (6 ta' Frar 2015).

F'dik l-istess kawza, fejn intimat ilmenta li kellu diversi kawzi kontemporanjament u ghalhekk ma deherx il-Qorti tal-Appell kienet iddikjarat:

> *"Din il-Qorti ma hix tal-fehma illi b'din l-ispjegazzjoni l-appellant jista' b'xi mod jiggustifika l-fatt li hadd ma kien prezenti biex jirrapprezentah fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011. Huwa seta' facilment inkariga Avukat biex jidhirlu*

*ghal xi wahda mis-seduti li kellu u allura certament li l-Qorti kienet taghtih ic-cans biex jidher meta 'in ballo' kien hemm decizjoni daqstant importanti x'tittiehed u cioè jekk kienx se jinghata l-opportunità li jiddefendi l-kaz tieghu."* - Billboard Advertising Limited (C27899) vs Stefan Vassallo (6 ta' Frar 2015).

Din il-Qorti tifhem b'dan illi anki fi proceduri sommarji (bhal ma kien dak il-kaz) l-Qorti tal-Appell ma eskludietx li jista' jigi rapprezentat, fl-udjenza f'kaz ta' raguni valida. L-intimat assenti minn Malta jista' jigi validament rapprezentat, aktar u aktar meta, bhal f'dan il-kaz l-intimat ikun ilu barra minn Malta zmien twil, dan kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti pprezentati in atti.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara valida n-notifika tal-intimat. Tiddikjara wkoll illi Eric Attard jista' validament jidher ghal Norbert Noel Camilleri f'dawn il-proceduri li ghandhom jissoktaw bil-procedura sommarja specjali kontemplata fl-Art. 167 tal-Kap. 12.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG